


APRIL - ĠUNJU 2011

# MESSAĠĠ MILL-KAP TAL-ISKOLA

**Festa Komunità fit-13 ta' Mejju fl-Iskola**

Għeżież ġenituri,

Żgur li ebda parteċipant fl-iskola u ebda familja m'għandha titlef din l-opportunità li ser toffri l-iskola tagħna biex niċċelebraw flimkien il-kultura tagħna. Dan il-Jum Malti ser ikun wieħed storiku għall-iskola tagħna u għall-komunitajiet li jibagħtu lil uliedhom fiha. In-numru ta' attivitajiet li ser isiru huwa kbir u żgur li xi waħda minnhom ser tolqtok tant li tipparteċipa fiha. Matul il-jum ser jinbiegħ ikel u xorb tajjeb għas-saħħa.

Il-parti ta' filgħaxija ser tibda fis-6.15 b'quddiesa speċjali. Din ser tkun bl-għana, bil-ħsieb li tiġġedded il-kultura Maltija. Il-quddiesa ser tkun iċċelebrata minn Fr Glenn, id-Direttur Spiritwali tal-iskola, f'waħda mill-btieħi tal-iskola.
Hekk kif tispiċċa l-quddiesa, numru ta' bandisti minn kull każin li jaqa' taħt il-Kulleġġ tagħna ser jingħaqdu flimkien biex idoqqu marċ li jagħżel kull każin. Qabel kull marċ għandha tinqara xi informazzjoni dwar il-każin. L-għan ewlieni wara dan l-isforz huwa biex inħajru aktar żgħażagħ u ġenituri biex jimpenjaw ruħhom fil-baned. Il-Kulleġġ u l-każini qed joffru dawn l-opportunitajiet kollha fit-tagħlim tal-mużika. Aħna nħossu li sfortunatament mhux qed ikunu apprezzati biżżejjed.

*....ikompli f' paġna 2*



**Kulleġġ San Benedittu, Sekondarja Subien**
*Sħaħ fl-ispirtu u fil-ħidma*
☎ 21642427 🖷 21642423
✉ sbc.kirkop.bs@gov.mt
💻 http://schoolnet.gov.mt/kulleggsanbenedittubco

# EDITORJAL

**Nersqu lejn tmiem sena skolastika oħra**

Fi ftit ġimgħat oħra l-istudenti tagħna jidħlu fl-eżamijiet tal-aħħar tas-sena. Dawn l-eżamijiet huma importanti ħafna għalihom għaliex mir-riżultati tagħhom l-istudenti jiġu mqassma fil-klassijiet rispettivi tagħhom is-sena d-dieħla. Għal din ir-raġuni tajjeb li nisħqu fuq l-importanza tal-istudju.

L-istudju mhuwiex xi ħaġa ta' pjaċir. Anzi l-istudju jitlob sagrifiċċju u tbatija mentali. Dan irridu nifhmuh aħna l-ġenituri u nfehmuh lil uliedna. Mingħajr sagrifiċċju ma jsir l-ebda studju li jħalli l-frott. Kollox fid-dinja jitlob mill-bniedem sagrifiċċju qabel is-sodisfazzjon aħħari. Din hija realtà li l-istudenti tagħna se jħabbtu wiċċhom magħha hekk kif joħorġu mill-bibien tal-iskola u għalhekk nagħmlu tajjeb li nibdew nippreparawhom għal din ir-realtà.

Dan huwa l-aħħar Kuntatt qabel il-vaganzi tas-sajf. Waqt il-vaganzi nħeġġu lill-istudenti biex isibu bilanċ bejn is-serħan u x-xogħol. Tajjeb li ma nitilqux il-qari...anzi s-sajf għandu jkun l-opportunità sabiex wieħed iżid fil-qari ladarba jkun ħafif mix-xogħol tal-iskola! Awguri!

Is-Sur L. Deguara

Għalliem

*...ikompli minn paġna 1*

Festa Komunità ser tispiċċa b'ikla Maltija fejn kull min hu interessat għandu jaqta' l-biljetti minn qabel għax in-numru huwa limitat. Il-biljetti jistgħu jinxtraw mill-iskola u importanti li wieħed iżommhom fuqu għax biex tidħol tkun trid tippreżenta l-biljett mixtri. Ir-regoli qegħdin hemm biex wieħed isegwihom u m'għandna l-ebda dubju li dan mhux ser isir.

Din il-festa se tkun eżempju ħaj ta' kif l-iskola u l-komunità jistgħu jersqu lejn xulxin u jaħdmu id f'id għall-ġid komuni tal-istudenti kollha. Nieħu l-okkażjoni sabiex nirringrazzjakom tal-koperazzjoni li dejjem sibna mingħandkom.

Tislijiet,

Is-Sur R. Portelli

Kap tal-Iskola

# ECO-TECHNO WEEK







Mit-Tnejn 14, sal-Ġimgħa 18 ta' Marzu fl-iskola ġiet organizzata għall-ewwel darba attività msejħa Eco-Techno week. Matul din il-ġimgħa l-istudenti għamlu l-almu tagħhom biex iqajmu kuxjenza dwar l-ambjent u d-Disinn u t-Teknoloġija.

Matul din il-ġimgħa fl-iskola ttellgħet wirja ta' oġġetti magħmulin mill-istudenti li jistudjaw id-Disinn u t-Teknoloġija. Il-wirja kienet miftuħa wkoll għall-pubbliku u ġiet apprezzata ħafna mill-ġenituri kollha li żaru l-iskola f'Jum il-Ġenituri, nhar il-Ġimgħa 18 ta' Marzu.

Fost id-disinji u oġġetti interessanti kien hemm tubu bin-nar li jiżfen skont il-mużika.

Attrazzjoni interessanti oħra kienet il-*buggy* li nbniet mill-istudent tal-Ħames Sena, Karl Zarb flimkien ma' missieru. Filfatt din il-ġimgħa t'attivitajiet infetħet mill-kap tal-iskola li flimkien ma' Karl daħal fil-bitħa riekeb fil-*buggy*. F'din il-wirja l-istudenti ngħataw tagħrif dwar dak kollu li kien esebit mill-għalliema tas-suġġett.

Il-programm ta' din il-ġimgħa nkluda wkoll diversi taħditiet dwar temi ekoloġiċi minn studenti u lekċerers tal-Università. Saru taħditiet dwar l-immaniġġjar tal-iskart, l-użu aktar effiċjenti tal-enerġija u l-kummerċ ġust. Xi studenti żaru wkoll l-impjant tar-riċiklaġġ f'Marsaskala fejn raw b'mod konkret dak li kienu semgħu dwaru fit-taħditiet.

Kienet ġimgħa differenti mis-soltu fejn l-istudenti tgħallmu bosta affarijiet ġodda u interessanti.

Is-Sa C. Pisani Grixti
Assistenta Kap

# L-GĦAŻLA TAS-SUĠĠETTI GĦALL-ISTUDENTI TAT-TIENI SENA





Kieku kellek tgħodd kemm-il deċiżjoni ħadt illum tinduna li n-numru mhux żgħir. Minn x'ser nilbes għal x'ser insajjar jew niekol; il-ħin kollu nieħdu deċiżjonijiet, xi wħud żgħar filwaqt li oħrajn b'konsegwenzi iktar serji. Fil-fatt kieku wieħed kellu jirrifletti naqra, id-direzzjoni li tieħu ħajjitna tiddependi ħafna fuq x'deċiżjonijiet nieħdu, kif neħduhom u meta. Tajjeb għalhekk li wieħed jitgħallem kif jagħmel deċiżjoni tajba.

B'dan il-għan it-tfal tat-Tieni Sena għaddew mill-esperjenza ta' kif jieħdu deċiżjoni, jwettquha u jesperjenzaw il-konsegwenzi tagħha. Fit-tieni sena l-istudenti jridu jiddeċiedu fuq xi suġġett/i li jridu jistudjaw għat-tliet snin ta' wara. Fil-programm li ġie mħejji ġew involuti mhux biss l-għalliema tas-suġġetti differenti bħala n-nies esperti tas-suġġetti relattivi imma wkoll il-ġenituri. Ir-riċerka turi li l-iktar nies li t-tfal jagħtu kas huma l-ġenituri. Kif jaħsbuha l-ġenituri u x'valuri għandhom jaffettwaw ħafna lit-tfal. Għalhekk kien importanti li l-għalliema tal-*guidance* u l-ġenituri jiltaqgħu ħa jaraw kif jistgħu jiggwidaw lil dawn it-tfal biex jieħdu l-aħjar deċiżjoni għax fl-aħħar mill-aħħar id-deċiżjoni hi tat-tfal u mhux tal-ġenituri. It-tfal riedu wkoll jiltaqgħu mal-għalliema biex jaraw iktar x'inhu u fiex jikkonsisti kull suġġett. L-għalliema ħejjew ukoll ktejjeb b'informazzjoni fuq kull suġġett li tqassam lil kull tifel. Dan il-ktejjeb serva wkoll biex il-ġenituri jinfurmaw ruħhom fuq kif żviluppa kull suġġett u jippreparaw ruħhom qabel il-fiera tas-suġġetti. F'din il-fiera l-ġenituri u t-tfal kellhom l-opportunità mhux biss li jiġu esposti għal kull suġġett imma wkoll biex jistaqsu u jiċċaraw xi mistoqsijiet li seta' kellhom. It-tfal ġew ippreparati wkoll b'ħiliet ta' kif tittieħed deċiżjoni mill-għalliema tal-PSD. Waqt dawn il-lezzjonijiet it-tfal mhux biss ġew esposti b'metodi differenti ta' kif tittieħed deċiżjoni imma wkoll setgħu jiddiskutu u jisimgħu opinjonijiet ta' ħaddieħor fuq dan is-suġġett. Għal dawk li jibqgħu indeċiżi fuq id-deċiżjoni finali, il-ġenituri u t-tfal setgħu jagħmlu appuntament ma' xi għalliem tal-*guidance* biex iktar jiċċaraw l-ideat tagħhom. It-tfal kellhom ukoll iżommu mad-data biex jagħtu lura l-applikazzjoni mimlija tajba u pulita, ħaġa żgħira imma tant importanti.

Is-Sur M.Cassar
Għalliem tal-Guidance

## Il-Ħamba - Irvell

Il-Ġimgħa 25 ta' Marzu, 2011 kien Jum il-Premjazzjoni fl-iskola tagħna. Għal din l-okkażjoni ttella' programm varjat fosthom ir-rappreżentazzjoni Il-Ħamba. Ħamba hija kelma antika Maltija b'tifsira li tvarja minn rivoluzzjoni, irvell, frattarija jew diżordni.

L-istorja tibda meta lejla waħda l-bhejjem tar-razzett iltaqgħu bil-moħbi tas-sid biex jisimgħu x'għandu jgħidilhom Maġġi, il-qażquż ix-xiħ. Kienet lejla speċjali għax dakinhar nibtet iż-żerriegħa tar-rivoluzzjoni. Fil-fatt għadda ż-żmien u l-annimali qajmu rvell sħiħ li wassal biex tkeċċa s-sid tar-razzett u l-annimali ħadu t-tmexxija tar-razzett f'idejhom. It-tmexxija waqgħet f'idejn il-qżieqeż li għandhom livell intellettwali ogħla minn ta' annimali oħra. Imma għalkemm il-bidu deher suċċess, is-sitwazzjoni malajr bdiet tinbidel ftit ftit. Għax mhux lakemm wieħed jgħid li jmexxi! Fil-fatt dak li ġara, għax għalkemm l-annimali ħadmu u batew ħafna sabiex jirrealizzaw il-ħolma tagħhom li jgħixu ħajja aħjar, dan kollu ma ġarax. Anzi bil-kontra, għax it-tbatija nbidlet f'aktar tbatija; il-ġuħ inbidel f'ġuħ akbar; il-baruni nbidel f'baruni agħar u t-tmexxija ħażina nbidlet fi tmexxija ħażina oħra.

Din hi l-istorja fi ftit kliem ta' dan id-dramm satiriku bbażat fuq il-ktieb famuż *Animal Farm* ta' George Orwell. Studenti u għalliema ħadmu flimkien fuq din il-produzzjoni u għalkemm kien hemm żmien qasir għat-tħejjija rnexxielna ntellgħu produzzjoni ta' livell. Fattur ewlieni li għen sabiex Il-Ħamba tirnexxi kien is-sett li d-Dipartiment tal-Arti rnexxielu jtella'. Il-kanzunetti sebbħu din il-produzzjoni. Iżda bla dubju l-ikbar prosit tmur għall-istudenti li għal xahar sħiħ issagrifikaw il-brejks kollha, studjaw u ħadmu bla qies biex fl-aħħar mill-aħħar taw preżentazzjoni tajba ħafna.







Is-Sur K. Scicluna
Direttur tal-Produzzjoni

# GLASS PAINTING







Din is-sena, fl-*activity session* tal-istudenti tal-Ewwel Sena, kif ukoll fl-attivitajiet li jsiru fil-*break* ta' nofsinhar, ħsibt li nintroduċi l-*Glass Painting* fl-iskola. Dan ix-xogħol ma kienx jikkonsisti fi tpinġija fuq il-ħġieġ b'mod dirett. Dan għaliex l-istudenti l-ewwel ried ikollhom id-disinn li jixtiequ fuq karta A4, ipoġġuha ġo fowlder tal-plastik trasparenti, imbagħad jagħmlu l-*outline* tal-istampa (daqs li kieku qed jagħmlu *tracing*) bl-*outliner* tal-*window colours*. Wara jagħtu l-kulur lid-disinn tagħhom bil-*window colours* ta' kull kulur li jixtiequ. Meta d-disinn jinxef għal kollox imbagħad riedu jagħmlu *transfer* mill-fowlder tal-plastik għal fuq oġġett tal-ħġieġ. Il-*window colours* meta jinxfu jkollhom l-istess effett ta' *sticker* għax ikollhom qisu tip ta' kolla biex teħel fuq il-ħġieġ. B'dan il-mod, wieħed ma kellux bilfors ikun jaf ipinġi biex joħloq disinn sabiħ. Għalhekk din l-attività tolqot lil kulħadd; u mhux biss studenti imma anke adulti għax ħafna mil-*Learning Support Assistants* kienu jieħdu gost jipparteċipaw ukoll.

Fil-bidu bdejna nagħmlu disinni minn ktieb li kellu *templates* apposta ta' disinni differenti iżda mbagħad meta t-tfal draw it-teknika ma baqgħux limitati mal-ktieb imma bdew joħorġu b'ideat kreattivi ħafna ta' disinni. Ovvjament, l-armi tal-futbol tat-timijiet favoriti tagħhom, kif ukoll xi għasafar u annimali li huma tant għal qalb it-tfal ma naqsux. Il-ħġieġ li ħafna tfal użaw biex jaħdmu fuqu kien il-biċċa kbira riċiklat minn vażetti tal-ġamm, tal-kunserva u tal-kafè. B'dan il-mod konna qed nieħdu ħsieb l-ambjent ukoll.

Inħossni sodisfatta ħafna li din l-attività ntlaqgħet tajjeb ħafna mill-istudenti li anke kienu jagħmlu ħafna xogħol id-dar. Barra li kienu jagħmlu xi xogħol għalihom personali, kienu wkoll jagħmlu xogħol biex jingħata bħala rigal lill-membri tal-familja tagħhom jew xi ħbieb.

Is-Sa J. Azzopardi
Għalliema

# ĠRANET SPORTIVI 2011





Nhar il-Ħamis 14 u t-Tlieta 19 t' April saru l-ġranet sportivi tal-iskola tagħna. Kienu jumejn mimlijin daqs bajda, fejn it-tfal flimkien mal-għalliema pparteċipaw f'diversi attivitajiet fiżiċi fosthom baskitbol, atletika, *tag rugby*, volibol, softbol u l-i*strongest man*. Din tal-aħħar kienet waħda mill-iktar kompetizzjonijiet li ġibdet interess qawwi mit-tfal. Matul il-ġurnata t-tfal ikkompetew b'mod sportiv, fejn wieħed seta' faċilment jinnota l-għaqda li hemm fil-klassijiet. Ir-riżultati finali juru l-impenn kollu li għamlu t-tfal, tant li sal-aħħar attività konna għadna mhux ċerti min ser ikun rebbieħ.

Matul dawn il-jumejn wieħed seta' jinnota l-livell għoli li t-tfal kellhom f'diversi dixxiplini sportivi fosthom l-atletika, fejn dan jawgura tajjeb għaċ-*Championships* tal-iskejjel li ħa jsiru f'Mejju. L-attività ġiet fi tmiemha b'diskors mill-Kap tal-iskola fejn fiha t-tfal fi spirtu sportiv ferħu lir-rebbieħa li ġew ippreżentati b'tifkira magħmula mid-Dipartiment tad-Disinn u t-Teknoloġija.

Minn hawn nixtieq ngħid grazzi lill-għalliema, lill-SMT, lil-LSAs u t-tfal li kkontribwew biex dawn il-jumejn ikunu suċċess u li żgur ħa jibqgħu fil-memorja tat-tfal tagħna.

Is-Sur R. Baldacchino

Għalliem tal-Edukazzjoni Fiżika

## KALENDARJU UFFIĊĊJALI

| Mejju 2011 | |
|---|---|
| 2 | Żjara fil-Flight Academy (għażla ta' studenti tar-A24 Sena) |
| 3 | Meeting tal-Atletika (għażla ta' studenti tat-2 Sena) |
| 3 | Żjara fl-STC (studenti tar-4 Sena Computer Studies *option*) |
| 3 | Żjara fil-Mother & Baby Club Sta Venera (studenti tat-3 Sena HE *option*) |
| 4 | Laqgħa tal-Atletika (għażla ta' studenti tar-4 Sena) |
| 5 | Tournament tal-Basketball (għażla ta' studenti tal-1 u t-2 Sena) |
| 5 | Żjara fl-AFM (għażla ta' studenti tar-4 Sena) |
| 5 | Żjara f'Mater Dei (għażla ta' studenti tar-4 Sena) |
| 6 | COH |
| 6 | Maratona tal-Futbol Puttinu Cares (għażla ta' studenti minn kull sena) |
| 9 | Żjara fil-Golden Harvest (għażla ta' studenti tar-4 Sena HE *option*) |
| 10 | Żjara Middle Sea Insurance (għażla ta' studenti tar-4 Sena Business Studies *option*) |
| 10 | Żjara fil-Mother & Baby Club Sta Venera (studenti tat-3 Sena HE *option*) |
| 11 | Tranżizzjoni (studenti tal-Primarja taż-Żurrieq) |
| 12 | Tranżizzjoni (studenti tal-Primarji tal-Gudja, Ħal Għaxaq u Ħal Kirkop) |
| 13 | Festa Komunità |
| 17 | Tranżizzjoni (studenti tal-Primarji tal-Qrendi, l-Imqabba u Ħal Safi) |
| 18 | Laqgħa dwar il-Matsec u l-vaganzi tas-sajf (ġenituri u studenti tar-4 Sena) |
| 19 | Tranżizzjoni (studenti tal-Primarja ta' Birżebbuġa ) |
| 20 | Sessjoni PD (wara l-ħin tal-iskola) |
| 20, 23, 24, 25 | Programm CSS (studenti tat-2 Sena) |
| 31 | SDP - ġurnata sħiħa (L-istudenti m'għandhomx skola) |

# TAL-ISKOLA 2010 - 2011

| Ġunju 2011 | |
|---|---|
| 1 | Bidu tan-nofstanhari |
| 2 | Żjara mill-Arċisqof Paul Cremona O.P. |
| 7 | Vaganza Pubblika |
| 9 | Ċerimonja tal-għoti taċ-ċertifikati tal-iSchool Leaving |
| 13-28 | Eżamijiet Annwali |

| Lulju 2011 | |
|---|---|
| 12 | Bidu tal-vaganzi tas-sajf |

N.B. Il-programm jista' jinbidel matul is-sena skolastika skont il-ħtieġa.

## ATTIVITAJIET VARJI



# NIBDA MINN ISSA NIPPJANA KARRIERA



Dan l-artiklu huwa miktub għalik għażiż student, biex bl-aktar mod sempliċi u prattiku jimmotivak tikkonċentra u tfassal pjan, filwaqt li jgħinek timmatura fl-esplorazzjoni tal-għażla tal-karriera. Huwa importanti li tibda billi taċċetta lilek innifsek kif int, bil-kapaċitajiet li għandek. Din il-fiduċja fik innifsek issaħħaħ bis-sħiħ l-impenn personali fil-proċess ta' pjan li tibqa' ġġedded tul ħajtek kollha.

Li tħossok beżgħan, inċert u mhux infurmat biżżejjed biex waqt li tkun l-iskola tibda taħseb sabiex twettaq pjan tajjeb għall-karriera, ċertament hija fażi li jgħaddu minnha studenti oħra bħalek. Iżjed minn hekk, li inti tħossok konfuż għal liema karriera tippjana, tista' tkun konsegwenza tas-soċjetà li qiegħed tgħix fiha, il-kultura tal-familja li tikber fiha kif ukoll il-livell ta' edukazzjoni li għandek. Bla dubju l-influwenza ta' dawn iċ-ċirkustanzi sejrin ikunu kemm ta' stimolu kif ukoll jistgħu jwassluk biex tħossok demoralizzat milli tagħmel l-ewwel pass. Huwa indispensabbli li twarrab kull tip ta' diskoraġġiment u ssaħħaħ il-fiduċja fik innifsek biex tkun kapaċi tasal tagħmel pjan għalik. Id-dajagramma huwa eżerċizzju fittizju ta' kemm huwa neċessarju taħseb liema passaġġ jista' jwasslek biex takkwista l-post tax-xogħol.

Bil-ħsieb li ngħinek fil-proċess ta' ppjanar u li jsir b'suċċess, sejjer nagħtik erba' linji gwida.




1. Għandek tibda billi tiġbor informazzjoni dwarek innifsek billi tagħmel awtovalutazzjoni fuq l-identità, l-interesssi, il-valuri, l-irwoli u l-ħiliet. Dawn jingħaqdu mal-ambjenti preferiti, il-ħtiġijiet ta' żvilupp mhux b'inqas mar-realtajiet tiegħek li jagħmluk distint mill-oħrajn.

2. Il-pass li jmiss li tkun liberu tagħżel dak li trid tagħmel. Dan ikun ta' benefiċċju kemm-il darba int tesplora l-okkupazzjonijiet u l-interessi tiegħek. Huwa f'dan l-istadju li inti għandek twettaq riċerka fl-industrija jew qasam li fih inti interessat takkwista karriera.

3. Matul din il-fażi tal-proċess, inti se tidentifika xogħlijiet possibbli u tevalwahom kemm għal żmien qasir kif ukoll fit-tul.

4. Fl-aħħar trid tgħaddi għall-azzjoni sabiex tilħaq il-mira tiegħek. Hawn għandek bżonn tinvestiga x'taħriġ u edukazzjoni addizzjonali jeħtieġlek ma' dak li diġà qiegħed tirċievi mill-iskola. Dan jinkludi kif tkun aktar imħejji għall-intervista tax-xogħol, kif tikkomponi ittra u kif toħloq strateġija fit-tfittxija u l-ġbir ta' informazzjoni dwar ix-xogħol u l-karrieri.

Il-ħtieġa ta' kisba ta' informazzjoni, tkabbir ta' għarfien u ġabra ta' riżorsi huma l-pedament li fuqu inti għandek tibni l-pjan tiegħek. Biex jikkumplimentahom hemm bżonn li tħabrek sabiex inti immedjatament tibda tfittex, tistaqsi u tinvestiga x'opportunitajiet jeżistu fis-suq tax-xogħol illum. Għandek tkun għaqli li waqt li tkun qed tanalizza kull bidla fis-suq tax-xogħol iżżomm il-prinċipju li l-proċess tal-karriera huwa tul il-ħajja.




Is-Sur N. Mallia
Trainee Career Advisor




## ŻJARA TAT-TIM NAZZJONALI

Xi plejers u staff tekniku tat-tim nazzjonali ngħataw merħba sabiħa fl-iskola tagħna, nhar l-Erbgħa 16 ta' Marzu waqt żjara promozzjonali li saret qabel il-konfront tant mistenni mill-EURO 2012 bejn Malta u l-Greċja li ntlagħab nhar is-Sibt 26 ta' Marzu, 2011.

Kontinġent immexxi mid-Direttur Tekniku, Robert Gatt u d-Direttur tal-Marketing, Norman Saliba, kien milqugħ mill-Kap tal-Iskola u l-*captain* tat-tim tal-iskola, Fabian Caruana. Il-plejers tat-tim nazzjonali preżenti, Jamie Pace, Alex Muscat u Andrei Agius, flimkien mal-kowċ John Buttiġieġ u l-assistent kowċ, Carmel Busuttil, assistew għal-logħba ta' esebizzjoni bejn l-studenti fil-*pitch* tal-iskola. Huma ltaqgħu ma' mijiet ta' studenti preżenti fejn ħadu ritratti magħhom u anke ffirmaw *flyers* tal-logħba kontra l-Greċja. Lejn l-aħħar taż-żjara l-istudenti kellhom ukoll opportunità jistaqsu xi mistoqsijiet lill-plejers u l-kowċis tat-tim Malti. Saret ukoll preżentazzjoni tal-flokk tat-tim nazzjonali lill-Kap tal-Iskola li min-naħa tiegħu rreċiproka bi preżentazzjoni ta' tifkira kommemorattiva maħduma mill-istess studenti u għalliema tal-iskola.

# ISSA LI QOROB ĠMIELU L-ISTAĠUN TAS-SAJF...



Issib min hu kuntent li t-temp ikun bnazzi u sħun fis-sajf. F'dan iż-żmien ikun hemm aktar fejn tmur u x'tagħmel fil-ħin liberu u fil-*weekend*. Ta' min isemmi l-għawm u l-attivitajiet l-oħra ta' ħdejn il-baħar. Jibda l-ikel ħafif, b'togħma aktar ħelwa u friska biex jikkumplimenta l-istaġun sajfi.

Min-naħa l-oħra ssib min għalih is-sajf ma jkunx ta' gost u pjaċir. L-aktar minħabba s-sħana qawwija u n-nuqqas ta' enerġija u ħeġġa li ġġib magħha. Hawn min is-sajf iqisu bħala żmien ta' sfrattu u tberbiq ta' flus.

L-istaġun sajfi f'Malta jirrikjedi li nieħdu ċertu prekawzjonijiet għal saħħitna. Dalwaqt nibdew nisimgħu u naraw messaġġi fuq il-midja li jenfasizzaw il-protezzjoni kontra s-sħana qawwija u l-problemi li x-xemx iġġib magħha. Forsi xi drabi dawn il-pariri jinstemgħu żejda tant li ma ntuhomx dik l-importanza biex insegwuhom kif mixtieq, sakemm ma jolqtuniex mill-viċin, imbagħad dlonk nirrealizzaw bin-nuqqas u nħossu s-sens ta' ħtija. **Li tippreveni aħjar milli tikkura nkella jista' jkun tard wisq.** Għalhekk ħudu dawn il-pariri u segwuhom b'attenzjoni:

- Evitaw attivitajiet li jesponukom għas-sħana tax-xemx bejn il-ħdax ta' filgħodu u l-erbgħa ta' wara nofsinhar.
- Biex tipproteġi ruħek kemm tista' mill-elementi qawwija tax-xemx dejjem idlek il-krema ta' protezzjoni (mill-anqas SPF15), ilbes beritta jew kappell, nuċċali tax-xemx u għatti l-ġilda kemm tista' bi lbies ta' materjal sajfi u ħafif (*cotton* u *linen*).
- Varja l-ikliet b'ingredjenti sajfin u nutrittivi, bħall-frott u l-ħaxix, u ixorbu bejn litru u żewġ litri ilma kuljum.
- Irrispettaw il-prudenza meta tmorru ħdejn il-baħar, speċjalment meta torganizzaw xi BBQ. Armu l-iskart li tipproduċu f'laned apposta u tħallux ħmieġ imxerred mal-art, speċjalment materjal li jista' jweġġa' bih ħaddieħor.
- Oqogħdu attenti fejn u kif jilagħbu t-tfal. Evitaw perikli fit-toroq, speċjalment dak li jinvolvi logħob u ġiri bir-roti, kif ukoll tip ta' logħob ieħor relatat mal-attivitajiet u mal-festi.

Nawguralkom sajf mimli saħħa u 'lbogħod mill-perikli għalikom u għal ta' madwarkom.

Is-Sa R. Zammit

Għalliema Saħħa u Sigurtà

# ĠUNJU 2011 TIME TABLE - EŻAMIJIET ANNWALI

| Ġurnata | Sessjoni | Form 1 | Form 2 | Form 3 | Form 4 |
|---|---|---|---|---|---|
| 10/6/2010 | 1 | M'hemmx Eżami | M'hemmx Eżami | M'hemmx Eżami | Orali |
| | 2 | | | | |
| 13/6/2010 | 1 | Ingliż | Lingwi | Matematika | Malti |
| | 2 | Reliġjon | Ġografija | Studji Soċjali (General u Option) | Storja (General u Option) |
| 14/6/2010 | 1 | Lingwi | Malti | Ingliż | BS / Bijoloġija |
| | 2 | Studji Soċjali | Storja | Reliġjon | ICT |
| 15/6/2010 | 1 | Matematika | Ingliż | Malti | Lingwi |
| | 2 | Ġografija | Xjenza | Storja (General u Option) | Studji Soċjali (General u Option) |
| 16/6/2010 | 1 | M'hemmx Eżami | M'hemmx Eżami | Bijoloġija/D&T/ Studji Ewropej | Kimika / D&T/ Studji Ewropej |
| | 2 | | | PE | Computer Studies |
| 17/6/2010 | 1 | Orali | Orali | M'hemmx Eżami | M'hemmx Eżami |
| | 2 | | | | |
| 20/6/2010 | 1 | M'hemmx Eżami | M'hemmx Eżami | Kimika / BS | Letteratura Ingliża |
| | 2 | | | Computer Studies | HE |
| 21/6/2010 | 1 | Malti | HE / GC | Lingwi | Matematika |
| | 2 | Storja | ICT | Ġografija (General u Option) | Reliġjon |
| 22/6/2010 | 1 | HE / GC | Matematika | Lingwi (1 sena) | Ingliż |
| | 2 | ICT | Studji Soċjali | Fiżika | Ġografija (General u Option) |
| 23/6/2010 | 1 | M'hemmx Eżami | M'hemmx Eżami | Orali | M'hemmx Eżami |
| | 2 | | | | |
| 24/6/2010 | 1 | Xjenza | Reliġjon | GC | Lingwi (2 sena) |
| | 2 | D&T | D&T | ICT | Fiżika |
| 27/6/2010 | 1 | M'hemmx Eżami | M'hemmx Eżami | HE | GC |
| | 2 | | | M'hemmx Eżami | PE |

Taqsir tal-kliem - *BS (Business Studies); D&T (Design & Technology); GC (Graphical Communication); PE (Physical Education); HE (Home Economics);*

***N.B. L-ewwel sessjoni DEJJEM tibda fit-8:00am waqt li t-tieni sessjoni DEJJEM tibda fl-10:30am. Il-brejk ikun fl-10:00am ħlief meta jkun hemm eżami ta' sagħtejn.***









**Bord Editorjali:**

| | |
|---|---|
| Assistenta Kap: | *C Pisani Grixti* |
| Disinn: | *A Galea* |
| Issettjar: | *A M Zammit u A Galea* |
| Qari tal-Provi: | *L Deguara u W Incorvaja* |
| Stampar: | *C Cassar* |

# *Festa Komunità*

## Kulleġġ San Benedittu
### Sekondarja Subien

## Programm

| | |
|---|---|
| **09:00** | **Ċerimonja tal-Ftuħ** |
| **09:30** | **Bidu tal-*Fun Run*** |
| **10:15** | ***Kids Athletics, BMX Stunts, Assault Course* u attivitajiet oħra sportivi** |
| | **Trattamenti għax-xagħar u s-sbuħija** |
| | **Wirja ta' Kultura Maltija** |
| | ***Bazaar*** |
| | ***Car Wash*** |
| **12:30** | ***Indoor Games*** |
| **15:45** | **Turnament tal-futbol għal *Youth Nurseries*** |
| **18:15** | **Quddiesa animata bl-għana Malti** |
| **19:30** | **Marċi bis-sehem tal-baned tal-lokalitajiet** |
| **20:30** | **Lejla ta' divertiment b'ikel, kant u żfin ppreżentata minn Joe 'Dulli' u Veronica Farrugia** |
| **23:00** | **Għeluq** |

**Għal aktar dettalji żur is-sit elettroniku**
**http://schoolnet.gov.mt/kulleggsanbenedittubco**
jew ċempel **21642427**

# Festa Komunita`

## Kulleġġ San Benedittu
### Sekondarja Subien
### Ħal Kirkop

# Nhar il-Ġimgħa
# 13 ta' Mejju, 2011
## mid-9am sal-11pm

## Tinkludi:

Lejla ta' divertiment b'ikel, kant u żfin

Trattamenti għax-xagħar u sbuħija

Marċi mill-baned tal-lokalitajiet

Quddiesa bl-għana Malti

Wirja ta' kultura Maltija

Attivitajiet sportivi

Xogħlijiet tal-arti

b'risq

Children's Cancer Support Group — Puttinu Cares

**Donazzjoni b'SMS**

**50617380 € 2.33** **50618939 € 6.99**

**Għal aktar dettalji żur is-sit elettroniku**

http://schoolnet.gov.mt/kulleggsanbenedittubco jew ċempel **21642427**